MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2011

Appell Kriminali Numru. 251/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuel Faure`**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emanuel Faure' talli:

(1) f'dawn il-Gzejjer, fi Frar tas-sena 2005 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoin tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, bhala Assistant Head fil-Procurement Section tal-Korporazzjoni Enemalta, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva, jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda

jew offerta ta’ xi rigal fi flus jew f’utli iehor, jew ta’ xi vantagg iehor, li ghalihom ma kellux jedd;

(2) fl-istess perijodu u cirkostanzi, fil-kapacita` tieghu ta’ Assistant Head fil-Procurement Section tal-Korporazzjoni Enemalta, sew jekk kellu jew ma kellux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew xi stabiliment pubbliku taht il-libsa tal-kariga tieghu, esiga dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-ligi;
(3) fl-istess perijodu u cirkostanzi, kixef sigrieti li kienu gew fdati lilu minhabba l-istat, professjoni jew kariga tieghu;

(4) fl-istess perijodu u cirkostanzi, fil-kapacita` tieghu ta’ Assistant Head fil-Procurement Section tal-Korporazzjoni Ene-Malta, bid-dieher jew bil-mohbi jew bil-mezz ta’ persuna ohra, ha interess privat f’aggudikazzjoni, appalt, jew amministrazzjoni sewwa jekk kellu ghal kollox jew f’parti t-tigrija jew is-sorveljanza taghhom, kif ukoll jekk kellu din it-tringija jew sorveljanza fiz-zmien li l-aggudikazzjoni, l-appalt jew l-amministrazzjoni imbdew.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, barra milli tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tapplika l-provvedimenti ta’ l-artikolu 119 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-13 ta’ Gunju 2007 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni u r-raba imputazzjonijiet migjuba kontrih u ghalhekk illiberatu minnhom, izda sabitu hati tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu u, wara li rat l-artikolu 133 tal-Kodici Kriminali, ikkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta’ Lm200;

Rat ir-rikors ta’ appell tal-Avukat Generali pprezentat fit-2 ta’ Lulju 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta’ htija fuq it-tielet imputazzjoni, issib htija ukoll fuq l-ewwel, it-tieni u r-raba’ imputazzjonijiet u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant Avukat Generali huma s-segwenti: (1) l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta qalet illi l-ewwel imputazzjoni ma gietx pruvata peress li l-appellat ma kienx f'*Adjudication Committee*. L-artikolu 115 tal-Kodici Kriminali jinkludi kull agir li jsir minn ufficjal pubbliku li ghalih hu ma jkollux dritt ta' hlas. Gie pruvat li l-appellat kien qed jiehu interess permezz ta' l-informazzjoni anki kunfidenzjali li kellu biex jghin persuni jirbhu t-*tender* illegalment u b'hekk jiehu *commission*. Fl-istqarrija tieghu qal illi kien qed jiehu 10% *commission* bhala Josmal Enterprises; (2) meta wiehed jikkunsidra li l-appellat kien impjegat pubbliku, hu ma setax jiehu *commission*. Jigifieri kien qed jiehu vantagg mill-posizzjoni tieghu u kien qed jithallas dak li ma kellux dritt ghalih. L-investigazzjoni bdiet ghax gie skopert li kien intbaghat cekk personali lill-appellat fl-Enemalta ta' £150. Ghalhekk anke t-tieni imputazzjoni tirrizulta peress li thallas flus dovuti lill-Enemalta apparti ukoll *commission*; (3) ir-raba' imputazzjoni kellha tirrizulta wkoll specjalment meta hu kien jaghti indikazzjoni dwar it-*tenders* ta' haddiehor u kien jiehu parti fil-ftuh ta' l-istess *tender*. F'dar-rigward Joseph Pandolfino bhala Chief Finance Officer ta' l-Enemalta ddikjara li l-appellat "ikollu x'jaqsam mal-adjudication, u r-reports tal-expenses …." L-artikolu 124 tal-Kodici Kriminali ma jiddistingwix jekk ir-rwol ikunx principali. Certament l-appellat kellu jissorvelja li hadd ma jiehu interess privat f'xi *tender*; (4) fost l-artikoli citati mill-Avukat Generali, kien hemm ukoll l-artikolu 257 tal-Kodici Kriminali. Stante li l-appellat gie misjub hati taht l-artikolu 133 hu kellu ukoll jinstab hati ta' l-artikolu 257 ghax skond il-Professional Secrets Act kull ufficjal pubbliku li jizvela informazzjoni kunfidenzjali, per ezempju meta ghadda *samples*, hu hati taht dan l-artikolu ukoll.

L-ewwel aggravju jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni fejn l-appellat qieghed jigi akkuzat bi ksur ta' l-artikolu 115 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

**"Kull ufficjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu, jitlob, jircievi jew jaccetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma jkollux jedd, jehel, meta jinsab hati -**

**(a) jekk l-iskop tal-hlas, tal-weghda jew ta' l-offerta, ikun sabiex l-ufficjal jew impjegat jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel, il-piena ta' prigunerija minn sitt xhur sa tliet snin;**
**(b) jekk l-iskop ikun sabiex l-ufficjal jew impjegat jonqos li jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel, ghall-fatt biss li jkun accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta, il-piena ta' prigunerija minn disa' xhur sa hames snin;**
**(c) jekk, barra milli jkun accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta, l-ufficjal jew impjegat ikun fil-fatt naqas li jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel, il-piena ta' prigunerija minn sena sa tmien snin."**

Mela, dan l-artikolu jippunixxi lil ufficjal jew impjegat pubbliku li mhux biss jircievi rigal jew jaccetta weghda jew offerta ta' rigal, izda li dan ikun bl-iskop li dak l-ufficjal jew impjegat jaghmel dak li hu fid-dmir jaghmel jew bl-iskop li jonqos milli jaghmel dak li hu fid-dmir jaghmel. L-ewwel Qorti qalet f'dan ir-rigward: "F'dan il-kaz partikolari l-imputat ma seta' jaghmel xejn jew jonqos li jaghmel xejn. Is-sehem tieghu kien wiehed semplicement amministrattiv fis-sens li hu kien fid-dover li jaghti d-dokumenti tat-'tender' lil min irid jixtrihom. Hu ma kienx jaghmel parti la mill-'Adjudicating Committee' jew mit-'Tender Sub-Committee'. Hawnhekk l-ufficjal pubbliku ghandu jinxtara u dan il-fatt ma jirrizultax. Hu rcieva l-flus ghal zewg ragunijiet. Wahda biex jixtri d-dokumenti tat-'tender' u t-tieni wara li s-socjeta` rebhet it-'tender' bhala kommissjoni."

L-appellant jargumenta li l-appellat kien qed jiehu interess permezz ta' informazzjoni kunfidenzjali li kellu biex jghin persuni jirbhu *tender* illegalment u b'hekk jiehu *commission*. L-ghoti ta' informazzjoni kunfidenzjali huwa kopert minn reat differenti li tieghu l-appellat instab hati. Fil-fatt irrizulta li l-appellat kien baghat *samples* ritornati mill-inginiera wara li jkunu ghamlu *adjudication reports* u xi *invoices* u letteratura dwar *awards* li kienu diga` saru. Mhux biss jirrizulta li l-aggudikazzjonijiet ma kinux parti mill-funzjonijiet tieghu, izda lanqas ma jirrizulta mill-provi li huwa seta' jaghti direttivi, jew jaghmel arrangamenti jew jinfluwenza d-decizjonijiet.[1]

L-assenza tal-figura ta' korruzzjoni tirrizulta wkoll mit-twegiba li ta lil Gautam Mehra ghas-suggeriment ta' dan Gautam Mehra li, minbarra l-kummissjoni, jithallas *"some extra percentage (say an extra 5%) <u>to other important people</u> who will help in putting forward our offer of Line Material for favourable consideration"*.[2] L-appellat wiegeb[3]: *"In addition to my e-mail, please note, that the way to win the tenders/quotation is to offer good quality products that comply to the specification and at very competitive prices. Test certificates and samples are to accompany every tender/quotation."* Kwindi l-ewwel aggravju huwa michud.

It-tieni aggravju jirrigwarda l-imputazzjoni fejn l-appellat gie akkuzat bi ksur ta' l-artikolu 112 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jipprovdi:

**"Kull ufficjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew kull impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk ikollu kemm jekk ma jkollux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi, taht il-libsa tal-kariga tieghu, jesigi dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-ligi, jehel, meta**

---

[1] Prof. Anthony Mamo, **Notes on Criminal Law**, revised edition 1954 – 1955, p. 86 – 87.
[2] E-mail datat 24 ta' Frar 2004 mibghut 12.14.
[3] E-mail datat 24 ta' Frar 2004 mibghut 15.51.

**jinsab hati, il-piena ta’ prigunerija minn tliet xhur sa sena.”**

L-elementi mehtiega biex jissussisti dan ir-reat huma: (1) il-karattru pubbliku tar-*reo*, (2) li jesigi xi haga llegalment, (3) taht il-libsa tal-kariga tieghu.

L-appellant isostni illi t-tieni imputazzjoni tirrizulta ghaliex gie skopert li kien intbaghat cekk personali lill-appellat fl-Enemalta ghal Stg150. Izda l-artikolu 112 jitkellem dwar min “jesigi” (fit-test Ingliz *“exact”* – li jfisser *“to compel”*, *“to demand”*, *“to force”*, ecc.). Minn imkien ma jirrizulta li l-appellat “esiga” pagamenti. L-ewwel Qorti fil-fatt osservat: “Mill-provi prodotti l-imputat ma esiga ebda pagament jew hlas ta’ flus kemm ghalih jew ghall-amministrazzjoni tal-Korporazzjoni. Kif gie ampjament pruvat l-imputat ircieva flus biex jixtri d-dokumenti ghan-nom tas-socjeta` estera u flus dwar kommissjoni. Fil-kaz tax-xiri tad-dokumenti minn imkien ma rrizulta li l-imputat zamm xi flus ghalih jew ghal haddiehor iktar mill-pagament dovut ghax-xiri ta’ l-istess dokumenti.” Fil-fatt ic-cekk li ntbaghat lill-appellat ma ntbaghatx ghax huwa kien esigieh, izda kien biss ir-rizultat ta’ ftehim bejn tnejn min-nies bl-iskop li jinxtraw it-*tender documents*. B’referenza mbaghad ghat-tielet element, il-Prof. Mamo jikkummenta[4]: *“The exaction thus creates in the private contributor a sense of grievance against the Government by making him believe that by order or the authority of the Government exorbitant fees or too heavy impositions are exacted.”* Dan certament mhuwiex il-kaz hawn.

Konsegwentement it-tieni aggravju ta’ l-appellant huwa michud.

Skond l-appellant, l-ewwel Qorti kellha ssib htija anke dwar ir-raba’ imputazzjoni. Din tirrigwarda r-reat kontemplat fl-artikolu 124 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta:

**“Kull ufficjal jew impjegat pubbliku illi, bid-dieher jew bil-mohbi jew bil-mezz ta’ persuna ohra, jiehu interess**

[4] Pagna 82.

**privat f'aggudikazzjoni, appalt, jew amministrazzjoni, sewwa jekk ikollu ghal kollox jew f'parti t-trigija jew is-sorveljanza taghhom, kif ukoll jekk kellu din it-trigija jew sorveljanza fiz-zmien li l-aggudikazzjoni, l-appalt, jew l-amministrazzjoni nbdew, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn xahar sa sitt xhur, u l-interdizzjoni perpetwa tal-kariga jew impieg tieghu pubbliku."**

L-appellant isostni li r-raba' imputazzjoni kellha tirrizulta, specjalment meta l-appellat kien jaghti indikazzjoni dwar it-*tenders* ta' haddiehor u kien jiehu parti fil-ftuh ta' l-istess *tender*. Jirreferi ghax-xiehda ta' Joseph Pandolfino, *Chief Finance Officer* ta' l-Enemalta, li ddikjara li l-appellat "ikollu x'jaqsam mal-*adjudication* u r-*reports* ta' l-*expenses*." L-appellant izid jghid li l-artikolu 124 ma jiddistingwix jekk ir-rwol ikunx principali, u certament l-appellat kellu jissorvelja li hadd ma jiehu interess privat f'xi *tender*. Skond l-ewwel Qorti: "Huwa minnu li l-imputat kien interessat fi kwalunkwe aggudikazzjoni fejn kienet involuta s-socjeta` li hu kien jirrapprezenta. Hawnhekk, l-artikolu 124 tal-Kodici Kriminali qed jitkellem fuq xi haga kompletament differenti. L-interess ghandu jkun wiehed attiv fis-sens li huwa partecipi f'tali aggudikazzjoni. Is-semplici fatt li wiehed qed jittama li jirbah mhux bizzejjed."

M'hemm l-ebda dubju li l-appellat kellu interess fl-aggudikazzjonijiet fejn is-socjetajiet ta' Gautam Mehra kienu nvoluti. Izda biex jissussisti dan ir-reat irid jirrizulta li l-appellat kellu ghal kollox jew f'parti t-trigija jew is-sorveljanza taghhom, jew kellu din it-trigija jew sorveljanza fiz-zmien li l-aggudikazzjonijiet inbdew. Il-Prof. Mamo jghid[5]:

**"But in order that such private interest may be set up against the public officer or servant, it is essential that he should have, wholly or in part, the direction or supervision of the adjudication, contract or administration in which the private interest is taken or that he should have had such direction or supervision**

[5] **Notes on Criminal Law, Revised Edition 1954 – 1955**, pagna 96.

**at the time the adjudication or administration was commenced. It is because of this function of direction or supervision that the act becomes immoral and constitutes a breach of trust and an abuse. It is immaterial whether the public officer or servant was himself solely or jointly with others responsible for such direction or supervision."**

Issa, jirrizulta li Ray Attard[6], li fi zmien il-kaz kien CEO ma' l-Enemalta, gie mistoqsi in kontro-ezami: "Il-kariga li kellu s-Sur Faure` ma kienx involut ufficjalment fl-ghazliet, ma kienx jiehu sehem fid-decizjoni min jiehu *tender* jew le, naqblu fuq hekk?" It-twegiba tieghu kienet: "Naqblu."

Kwantu ghal Joseph Pandolfino[7], ic-*Chief Finance Officer* ta' l-Enemalta, huwa minnu li fost id-doveri li dan ix-xhud jghid li kellu l-appellat hemm li "ikollu x'jaqsam mal-*adjudication*", izda huwa jkompli jispjega: "ir-*requests* ta' l-*engineers*, jikkomunika ma' min ikun qed jibbiddja mbaghad igib risposti, jigifieri, u jghaddihom lura lill-*engineers*". Fix-xiehda tieghu wkoll Joseph Pandolfino jghid li l-appellat ma kienx parti mill-*Adjudication Committee*. Jispjega: "Ikun maghmul minn nies ohra. Dawn jaghmlu *adjudication*. Jekk ghandhom *queries*, specjalment mal-*bids*, hemm xi haga mhux cara, *they formulate their queries through Procurement Department* [is-sezzjoni fejn kien jahdem l-appellat]. Huma l-*Procurement* igibu l-*bids*, l-*adjudication* jerga' jghaddi fl-*Adjudication Committee*, l-*Adjudication Committee* jghaddieh lit-*Tender Sub-Committee*, li Mr. Faure` mhux parti mit-*Tender Sub-Committee*, u t-*Tender Sub-Committee* jiehu d-decizjoni tieghu fuq dak li hu prezentat quddiemu."

Minn dan huwa evidenti li l-appellat la kellu t-trigija u lanqas is-sorveljanza ta' l-aggudikazzjonijiet. Ghalhekk lanqas it-tielet aggravju ma jista' jigi milqugh.

---

[6] A fol. 212.
[7] A fol. 226 sa 232.

Permezz tar-raba' aggravju tieghu l-appellant jghid li fost l-artikoli citati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju kien hemm l-artikolu 257 tal-Kodici Kriminali. Jghid li stante li l-appellat instab hati taht l-artikolu 133, kellu jinstab hati wkoll taht l-artikolu 257 ghax skond l-Att dwar Segretezza Professjonali (Kap. 377 tal-Ligijiet ta' Malta) kull ufficjal pubbliku li jizvela informazzjoni kunfidenzjali hu hati taht dan l-artikolu wkoll.

L-appellant hawn ghandu ragun. L-artikolu 3(1) tal-Kap. 377 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li dawk il-persuni li, minhabba fl-istat, professjoni jew kariga taghhom, jidhlu fl-ambitu ta' l-artikolu 257 tal-Kodici Kriminali, jinkludu, *inter alia*, ufficjali u impjegati ta' l-Istat. Skond l-artikolu 2(2)(b) ta' l-istess Kap. 377, "impjegati ta' l-Istat" jinkludu impjegati ta' korp kostitwit imwaqqaf b'ligi, bhalma hija l-Enemalta. Ghalhekk l-ewwel Qorti kellha ssib htija anke taht l-artikolu 257 tal-Kodici Kriminali, b'dan li r-reat kontemplat fl-artikolu 133 tal-Kodici Kriminali huwa assorbit fir-reat kontemplat fl-artikolu 257 imsemmi.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi ssib lill-appellat Emanuel Faure` hati wkoll skond l-artikolu 257 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dan illi ir-reat kontemplat fl-artikolu 133 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jitqies assorbit f'dak kontemplat fl-artikolu 257, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------